

# Paċi u Ġid

No . 82 :
Diċembru 2015

" Let there be light in the soul,
in the heart;
let there be forgiveness to others;
let there be no hostilities,
which are dark.
Let there be the beautiful light of
Jesus. "

Pope Francis



## Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali Sr Josephine Xuereb

Il-Mulej jagħtikom is-Sliem. Ninsabu fiż-żmien sabiħ tal-Avvent bi tħejjija għall-festa tal-Milied. Min iżejjen it-toroq, min jarma l-presepju, min iżejjen il-Bambin u min jarma s-siġra tal-Milied bid-dwal iteptpu. Minbarra t-tiżjin jinstema' wkoll id-daqq ħlejju tal-Milied. Tista' tgħid diġà tinħass atmosfera ta' festa. Huwa tajjeb li nħejju sewwa għal din il-festa iżda m'għandix tkun biss preparazzjoni esterna daqskemm preparazzjoni spiritwali.

Ngħaddu ħin naħsbu x'rigali ser nixtru lil għeżież tagħna u nagħmlu tajjeb iżda m'għandnix ninsew lil Dak li tiegħu huwa l-birthday! Il-festa fuq kollox hija ta' Ġesù Bambin u allura l-akbar rigal irridu nagħtuh Lilu. Ma' tant preparazzjonijiet għal din il-festa tajjeb li nippreparaw ukoll lilna nfusna, kif ser nagħtu pjaċir Lilu. Naraw ftit x'relazzjoni għandna ma' Ġesù u kif nistgħu ntejbuha.

Kif nistgħu nagħtuh pjaċir fil-birthday tiegħu? Sejrin niltaqgħu miegħu fil-lejl tal-Milied jew ħsibt fuq elf post u nsejt il-quddiesa ta' billejl? Qed inħejji ruħi għal din il-festa billi nieħu sehem fis-sagramenti?

Ninsabu niċċelebraw ukoll is-Sena tal-Ħniena, ħsibna fuq xi opra tal-ħniena li nistgħu nagħmlu f'dan il-Milied? Forsi naħsbu f'dawk li huma inqas ixxurtjati minna, fil-morda u l-anzjani u tant persuni li qegħdin ibatu u nistgħu nferrħuhom.

Għeżież filwaqt li nkomplu nħejju ruħna għal din il-festa, nixtieq li permezz ta' dan il-messaġġ nawguralkom Milied Hieni u Sena mimlija barka u sliem mis-sema.

Il-Milied it-Tajjeb!



# Professjoni Perpetwa

### Grupp tal-Formazzjoni & Neo-Professi



L-ewwel ġimgħa ta' Settembru, għalina li ninsabu fil-formazzjoni u bla ebda dubju għall-ħutna s-sorijiet kollha tal-Provinċja tagħna, kien żmien ta' tiġdid u entużjażmu.



Nhar it-8 ta' Settembru, erbgħa minn ħutna li kienu fil-formazzjoni magħna - Sr Phylace Kerubo, Sr Shanti Perbo, Sr Elaine Spiteri u Sr Clara Pirotta -, wegħdu li se jkunu kollha kemm huma t'Alla. Għalina li konna preżenti, kienet esperjenza ta' ferħ kbir li ma tantx tista'tesprimih bil-kliem.



Fi ftit kliem, dawn ħutna se jaqsmu l-erperjenza tagħhom matul dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li seħħew kemm matul dik il-ġurnata tal-professjoni kif ukoll jumejn qabel waqt il-Velja ta' talb li saret fil-Knisja ta' Santa Marija tal-Anġli ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, flimkien ma' Fra Ramon Farrugia OFM li huwa wkoll wiegħed li ħajtu kollha tkun kollha kemm hi t'Alla.



Sr Phylace: *" The feast of our Lady, the feast of my total consecration to God and to our dear congregation. If I had to forget the anxiety I had in waiting for the day to come and the joy which I experienced during the celebration, I will surely not forget the words of His Lordship Bishop Charles Scicluna during his homily in his few aspects which he brought to our attention. His Lordship began by congratulating us for the courage that we have shown to accept to dedicate ourselves to this kind of life whereby he asked us to continue on the footsteps and the work which has been carried by those religious who have been before us. Secondly, his Lordship made it clear that the evangelical vows are values for every baptised Christian but, he went further on by reminding us that the religious persons, take a deeper step in living them. The bishop thus, asked us to be humble, recognizing our inability to live these vows, thus with humility, we ask to be always accompanied by God and his graces."*

Sr Clara: " **'Għal dejjem ngħarrsek miegħi'** **(Hosegha 2,21)**
*Dan hu l-versett li għażilna b'tema għall-Professjoni Perpetwa tagħna. Dan hu dak li għalija tfisser din il-ġurnata, jiġifieri li Alla għażilni minn fost ħafna tfajliet oħra biex inkun l-għarusa tiegħu għal dejjem. Dan il-jum għalija nqabblu mal-ġenn li jkollha għarusa biex tingħaqad fiż-żwieġ mal-għarus tagħha. Ir-rabta tiegħi ma' Ġesù tfisser ukoll li ma nħalli xejn, l-ebda ċirkostanza u lill-ebda persuna tifridni mill-imħabba ta' Alla għalija. It-tama tiegħi tinsab biss fiH. Il-garanzija li għandi hi li Hu mhu ser jittradini qatt. Fl-ebda mument mhu ser iħallini waħdi imma bħal ragħaj twajjeb, jimxi miegħi kull fejn jibgħatni. Jum il-Professjoni Perpetwa jikkonferma li qalbi verament sabet lil Dak li tħobb (Għanja tal-Għanjiet 3:1), lill-Uniku Maħbub li mhux maħbub għax mhux magħruf (Venrabbli Madre Margerita De Brincat). Nawgura li kull min qiegħed jaqra dawn il-ftit versi jsib bħali dak li Alla jrid minnu għax dan biss jista' jagħmlu ferħan."*





Sr Elaine: *" Wara snin ta' Formazzjoni wasal iż-zmien biex ngħid l-Iva sħiħa tiegħi lil Alla għal din is-sejħa li huwa għamilli snin ilu. Bħala tħejjija għal dan il-jum hekk għażiż, ingħaqadna ma' ħutna l-Patrijiet Minuri f'velja ta' talb, biex bħala familja Franġiskana, nitolbu kemm għalina li konna ser nagħmlu il-professjoni kif ukoll għal dawk iż-żgħażagħ li Alla qed isejjħilhom biex jitilqgħu kollox u jimxu warajh. Fil-bidu ta' din il-vejla aħna l-ħames kanditati, Sr Phylace, Sr Shanti, Sr Elaine, Sr Clara u ħuna Fra Ramon, tlajna b'xemgħa kulur differenti f'idejna, għax nifhmu li kull persuna u kull sejħa hija unika. Din kienet simbolu tal-ħajja tagħna. Din ix-xemgħa poġġejniha quddiem Ġesù, biex aħna niftakru u nfakkru lill-oħrajn li ħajjitna hija l-offerta sħiħa li ser nagħtu lil Alla. Matul din il-velja qrajna xi ħsibijiet minn ta' Missierna San Franġisk u mill-kitbiet tal-Venerabbli Qaddejja t'Alla Madre Margerita. Wara li nqrat silta mil-Evanġelu fejn ġiet moqrija s-sejħa ta' Mattew, il-Ministru Provinċjal Fr Richard Stanley Grech waslilna l-messaġġ tiegħu. Xi ħaġa li laqtitni kienet fejn huwa enfasizza l-fatt li aħna rridu nkunu veri servi t'Alla u biex dak li ser nwiegħdu jkun għajxien ta' ħajja sħiħa u mhux tal-mument biss."*





Sr Shanti: *" The vigil of prayer and our perpetual profession, didn't come to an end on the days between the 6th and the 8th of September, but rather we are living this precious moment of consatntly renewing our consacration to God through our daily life. For me it was a great experience filled with great enthusiasm and true joy. Giving oneself totally to God for some it is just something out of the ordinary, but to the One who chose me - us, is another act of Love poured into our hearts in order to share it with the ones we meet with everyday."*

*****************************************************************************************



**" 'Ejjew, mberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna... Għax kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni..."**

**[Mt:25:34-36]**

Matul l-istorja tal-Kongregazzjoni naraw kemm is-sorijiet li għexu qabilna, fosthom il-fundatriċi tagħna, il-Venerabbli Madre Margerita, kienu jaħdmu bil-forzi tagħhom kollha sabiex jgħinu lil min kien l-aktar vulnerabbli fi żminijiethom. Illum-il ġurnata dil-ħidma ma nbidlitx wisq anzi, kompliet tissaħħaħ u tieħu forom diversi, bħal ngħidu aħna għajnuna umana u spiritwali fl-iskejjel tagħna, ħidma fil-parroċċi ma' dawk in-nies li niltaqgħu magħhom ta' kuljum permezz ta' xi kelma tajba.

Waħda mid-djar li tagħti għajnuna reali fi żminijiet diffiċli ta' mard hija bla ebda dubju l-fraternità ta' Londra. Din il-fraternità ġiet imwaqqfa fl-1960 u l-għan tagħha huwa li tilqa' persuni li għandhom bżonn jieħdu ċertu tip ta' kura ġewwa Londra u fil-periferiji tagħha, kif ukoll lill-familjari tagħhom. Uħud min-nies li jmorru għall-kura jiġu aċċettati bħala pazjenti fl-isptarijiet, iżda oħrajn huma akkumpanjati kuljum mis-sorijiet tagħna. Bħala sorijiet nipprovaw ngħinu lil dak li jkun permezz ta' affarijiet materjali u spiritwali, sabiex t-toqol li jkunu qegħdin iġorru minħabba l-mard tagħhom ma jħossuhx bħala muntanja li tinsab quddiemhom u li ma jistgħux jegħlbuha.



Matul dan is-Sajf, Sr Sylvia Cassar kellha l-opportunità li tesperjenza din il-ħajja ġewwa din il-fraternità u dan hu dak li kkummentat dwar din l-esperjenza:



*" Fix-xhur tas-sajf kelli l-opportunità li ningħaqad mas-sorijiet tal-fraternità ġewwa Londra biex nagħti daqqa t'id sakemm uħud mis-sorijiet li jgħixu f'din id-dar jieħdu l-vaganzi tagħhom u jiġu jżuru lill-familja f'Malta. Qatt ma bsart kemm ġid qed jagħmlu dawn ħutna f'din id-dar, għax ħafna drabi l-ħidma tagħhom hi moħbija fis-skiet. Il-preżenza tagħhom hi biżżejjed biex tnissel kuraġġ u fiduċja fil-pazjenti li jitilgħu għall-kura, u fil-qraba tagħhom. Isibu fis-sorijiet support sħiħ, u biex ngħid hekk, isibu ommijiet li jgħinuhom fil-bżonnijiet tagħhom. Dawk in-nies,imbagħad, li joqogħdu għand is-sorijiet għall-vaganzi jiġu milqugħa b'ospitalità liema bħalha. Jiena mal-ewwel ħassejtni milqugħha għax l-ambjent jiġbdek. Forsi l-aħjar prova ta' din l-oasi fiċ-ċentru tal-belt kapitali Ingliża huma l-kummenti pożittivi li jħallu ħafna minn dawk li jqattgħu xi jiem f'din id-dar. Ngħid għalija, f'dawn ix-xhur li domt hemmhekk, aktar rċevejt milli tajt. "*

Iżda mhiex Sr Sylvia biss li esperjenzat l-imħabba u s-sens ta' belonging fi ħdan din il-fraternità. Uħud min-nies li għexu għal ftit jiem ġewwa din id-dar ħallew dawn il-kummenti wkoll:

***"In this house we found all the peace one would ask for. When my husband was in hospital I always felt safe. Thank you sisters for always being there. May the Lord bless you all for your kindness and for being my home during this difficult time. Words cannot express my gratitude. You are going to be missed. Thank you."***





***"Grazzi ta' kull ma għamiltu magħna u mat-tifla, u tal-ambjent nadif u komdu li offrejtulna."***

***"As always very helpful and kind."***




***"Thank you sisters for your kindness and compassion towards all. I felt safe, welcome and at home in your wonderful presence."***

***"We have enjoyed our stay here. Comfortable, spotless room and friendly staff. Thank you sisters for making our stay in London a memorable one."***



***"The serenity and stillness was amazing. I loved staying here."***

***"I always feel a calming sense when I stay here. God bless everyone."***



***"Dear sisters, we would like to thank you very much for your nice hospitality. We enjoyed all these years coming here. We will miss you very much. May God bless you all. With lots of love."***

***"Thank you for the love you give us when here. Everything is comfortable and perfect."***



***"A wonderful calm oasis in the middle of all the action. Thanks for providing such a peaceful refuge."***

***"A peaceful, cared-for experience... May God bless and keep you for the good work you do in hospitality and prayer."***

## Dedikazzjoni u Entużjażmu għall-Ambjent Aħjar

Sr Claudia Zammit




Bħal skejjel oħra l-iskola primarja 'St. Francis – Cospicua' tagħmel minn kollox sabiex toffri u tgħaddi l-aħjar livell ta' edukazzjoni lill-istudenti li jattendu f'din l-iskola. Min-barra s-suġġetti kurikulari u obbligatorji, l-iskola tħaddan valuri nsara kif ukoll soċjali sabiex kontinwament teduka fuq livell għoli lil kull persuna bħala bniedem sħiħ.

Matul is-sena skolastika 2015-2016 l-iskola qed toffri lil kull student varjeta' ta' studji edukattivi, soċjali flimkien ma' opportunitajiet ambjentali. Dan qed iseħħ peress li l-iskola involvit ruħha f'diversi proġetti offruti mid-dipartment tal-edukazzjoni kif ukoll minn diversi 'NGOs', li permezz tagħhom l-iskola temmen li bihom tissodisfa l-'ethos' tagħha.



Għalhekk l-amministrazzjoni, l-għalliema flimkien mal-istudenti kollha ħdimna ħafna sabiex ikollna ambjent aħjar mhux biss fl-iskola tagħna iżda anke f'pajjiżna. Saru diversi attivitajiet u azzjonijiet fejn bihom stajna nagħmlu l-ġid għall-ambjent. Involvejna l-ġenituri, l-anzjani ta' San Vinċenz DePaul, kif ukoll ingħaqqadna ma' skejjel oħra sabiex dak li aħna tgħallimna ma jibqax biss għandna iżda ngħadduh lil ħaddieħor. Krejajna u ppublikajna diversi vidjows magħmulin mit-tfal fejn wasslu l-messaġġi tagħhom dwar kif nistgħu b'affarijiet żgħar nibżgħu għall-ambjent li kontinwament qed ikun ta' theddiha għad-dinja tagħna. M'għandnix xi ngħidu, dan mhux dejjem ikun faċli minħabba l-limitazzjonijiet ta' studju li nħabbtu wiċċna magħhom kuljum, iżda b' daqsxejn ta' rieda tajba u b' dedikazzjoni kbira flimkien mal-entużjażmu tat-tfal dan stajna narawh iseħħ. U kif jgħidu 'Hard work pays off' għaliex kienu diversi okkażjonijiet fejn l-iskola 'St. Francis Cospicua' ingħatat rikonoxximent għal dan il-għan.



L-ewwel rikonxximent kien min-naħa tal-'WasteServ Malta' fejn l-iskola tagħna fil-'Malta Waste Reduction Awards 2014' spikkat fuq quddiem minn 22 skola billi ġiet ippremjata il-'Best Practice in the School Category'. Wara dan ingħatajna wkoll il-Premju Internazzjonali tal-'Green Flag' għall-ħidma li wettaqna favur l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli. Rikonoxximent ieħor kien meta l-iskola tagħna ħadet ukoll il-premju tal-'LEAF' proġett dwar il-ħarsien tas-siġar fejn l-istudenti jinsabu nkwetati bid-deċiżjonijiet li għadhom qed jittieħdu li bihom itellfu il-biodiversita'. Dan ir-rikonoxximent ġie segwit b'ċerimonja oħra din id-darba hekk imsejħa 'Press Kids' fejn l-istudenti ġew irrikonoxxuti għall-aġir tagħhom. Rikonnoxximent ieħor li l-iskola tagħna ħadet kien mir-residenza 'St Vincent DePaul' fejn fost kollox barra ir-rikonoxximent li ingħata lill-iskola, ingħataw madwar 90 midalja lill-istudenti li ħadmu b'tant dedikazzjoni fejn minn biċċa art imwarrba fejn in-nies kienu jpoġġu l-iskart tagħhom huma bl-għajnuna ta' diversi persuni mill-istess residenza biddluha f'"Botanic Garden'. Fuq l-istess livell ambjentali l-iskola ġiet irrikonoxxuta wkoll għall-premju ta' 'Dinja Waħda', filwaqt li ngħata rikonoxximent lill-istudent li ġie l-ewwel fil-Kompetizzjoni tal-Presepji kif ukoll fil-Kompetizzjoni 'Batterina'.



Dan kollu mhux biss jimlina bil-ferħ u b'sodisfazzjon iżda jagħtina kuraġġ sabiex inkomplu naħdmu flimkien bħala komunità waħda għall-kawża ġusta. Għalhekk nixtieq inrodd ħajr lill-għalliema flimkien mal-istudenti li huma ħafna attivi fl-iskola tagħna u fis-soċjetà u li b'risponsabbiltà kbira bħala ċittadini responsabli ma jiddejqux jitkellmu dwar dak li jixtiequ jaraw għall-ġid fil-pajjiż.



Għeżież tfal,

Nispera li kellkom vaganzi tajbin u striħajtu xi ftit, mingħajr ma nsejtu lil Ġesù. Issa li bdejna sena skolastika nawguralkom sena tajba.

Qabel il-vaganzi kont qed inkellimkom fuq kemm ftaħna djar ġewwa pajjiżi l'bogħod minn pajjiżna u kemm is-sorijiet kienu qed jagħmlu ġid f'dawn il-postijiet. Kemm kont ferħana b'dan għax b'hekk Ġesù kien qed jiġi magħruf u maħbub f'ħafna aktar postijiet. Biex nagħmel kuraġġ lil dawn sorijiet kont nipprova li niktiblhom xi ittra xi kultant għax dan kien l-uniku mezz biex nibqa f'kuntatt magħhom.

Lis-sorijiet kont dejjem ngħidilhom biex fil-mumenti diffiċli dejjem imorru f'riġlejn Ġesù u żgur li hu kien ser jgħinhom dejjem. Meta kont fid-dar tagħna ġewwa Xagħra Għawdex kont nagħmel ħilti biex nhar ta' Ħamis immur Rabat biex inkun nista nadura lil Ġesù, għax kien ikun dejjem epost il-ġurnata kollha. Inħeġġiġkom tfal li jekk tkunu għaddejjin minn ħdejn dawn il-kappelli tal-adorazzjoni, idħlu u kellmu lil Ġesù għax ikun qed jistennikom.

Is-saħħa tiegħi bdiet dejjem sejra lura sakemm imradt sew u spiċċat fis-sodda. Iżda kont ferħana għax il-kamra tiegħi kienet tmiss eżatt mal-Kappella. Kemm drabi kont inħabbatlu mal-ħajt biex nitkellem miegħu. Sakemm domt fis-sodda, Ġesù dejjem kien jiġi jżurni għax kuljum kont nircevih ġewwa qalbi. Kulħadd kien qed jitlob għalija biex infieq, iżda nhar 22 ta' Jannar 1952, wasal il-mument li Ġesù sejjaħli biex imur u ningħaqad miegħu l-ġenna. Kemm kont ferħana li wasal dan il-mument. Kulħadd beda jgħid lil mietet soru qaddisa, għax jien dejjem kont ngħidilhom biex iħobbu lil Ġesù. Illum il-ġurnata l-fdalijiet tiegħi jinsabu ġewwa l-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù ġewwa r-Rabat Għawdex. Kemm nieħu gost meta jiġu nies u jitolbu xi grazzja.

Tfal jien qed nitlob ħafna għalikom u nħeġġikom biex tħobbu aktar lil Ġesù.

8< -----------------------------------------------------------------------------------------------------

Kompetizzjoni għat-tfal:

1. Għaliex kienet ferħana Madre Margerita bis-sorijiet li kienu barra minn Malta?

______________________________________

______________________________________

2. Fejn kienet tmur Madre Margerita meta kienet x-Xagħra u għaliex?

______________________________________

______________________________________

3. Meta mietet Madre Margerita?

______________________________________

______________________________________

4. Fejn jinsabu l-fdalijiet tagħha?

______________________________________

______________________________________

Isem :________________________
Kunjom:_______________________
Klassi:________________________
Skola:_________________________

8< -----------------------------------------------------------------------------------------------------

**Prosit lil kull min ħa sehem fil-kompetizzjoni Paċi u Ġid No.80 ta' Marzu 2015 u r-rebbieħa huma: Federica Vella (Yr 2, St Francis Gozo) u Mariah Agius (Yr 5, St Francis Bormla).**

Ir-rebbieħ/a tal-kompetizzjoni qed j/tingħata ktieb. Ir-rebbieħ/a jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-11 ta' Jannar 2016. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
Triq Nazju Falzon,
L-Imsida, MSD 1720

jew

ħallu t-tweġibiet tagħkom fl-iskejjel tas-St. Francis (Msida, Bormla, B'Kara jew Rabat Għawdex).

**"Infittxu li nkunu ċkejknin, ċkejknin bħall-Bambin ta' Betlem ħdejn il-benniena tiegħu u ħdejn dik Ommu Immakulata, li qieset ruħha bħala ħlejqa mwarrba."**

*Venerabbli Qaddejja T'Alla*
*Madre Margerita*



**Sorijiet Franġiskani**
**tal-Qalb ta' Ġesù**